# TA' MIN JGHID

minn *Charles Clews*

Qatt ma kont naf li l-famuż Flores College, li min jaf kemm minnu ħarġu nies litterati, u kien istituzzjoni edukattiva tant stmata sa mis-seklu ta' qabilna, kellu l-oriġini tiegħu ġewwa l-Isla!

Flores College fetaħ fl-Isla fis-6 ta' April 1874, iżda ġie wara trasferit għall-Belt fi Triq San Pawl, preċiżament fejn illum jiġu stampati ***The Sunday Times*** u ***The Times***.

Bejn l-1910 u l-1912, il-kulleġġ ġie mill-ġdid trasferit għall-post fi Triq l-Ifran, bini rinovat flok lukanda, il-*Marrell's Hotel*. Iżda mbagħad fl-1948, il-kulleġġ ġie mħolli f'idejn l-Ordni Dumnikana, li sejħulu St. Albert the Great College. Ta' min ikun jaf *kemm dam* jiffunzjona ġewwa l-Isla, u fejn kien.

Skond ***The Times***, fid-***Daily Malta Chronicle*** tal-21 ta' Diċembru, 1888, mal-avviżi klassifikati nsibu dan l-avviż, naturalment bl-Ingliż: *"Refreshment Saloon: The Rendezvous, 16 u 17, Strada vittoria, Senglea (ftit minuti mixi mit-tarzna).* ***Saloon*** *privat għan-nisa u l-familji, fejn huma provduti* ***refreshments****, b'puntwalità u ndafa. JOSEPH URPANI, proprjetarju."*

Nies ta' l-età tiegħi laħquh lir-***Rendezvous*** (irrunduvù) li kien juri li xi darba kien ta' ċerta klassi ferm ogħla milli kont issib fi ħwienet tax-xorb (*bars*) dak iż-żmien. Is-*saloon* reklamat 100 sena ilu nafuh bi 'Private' u donnha baqgħet fuqu ċerta klassi.

Jiena niftakar darba f'dan il-'Private' għadd ta' Ingliżi forsi superjuri tat-Tarzna, u xi *Chief Petty Officers*, u Sinofju, raġel imbaċċaċ li l-vjolin kien idoqqu mhux ħażin bl-udit, meta kienu jnewlulu xi erba' tazzi birra, kien jispiċċa jarmi ż-żarbun minn saqajh, u jitla' jdoqq fuq l-imwejjed. Rajnieh bosta drabi jagħmel hekk fi ħwienet ix-Xatt ta' l-Isla.

Qabel il-gwerra (1939–1945) nies li jiġu l-Isla ġie li garrew għax ftit kont issib fejn tieħu kafè. Iżda ftit konna nafu li l-Isla, darba saħansitra lukanda kellha. Fid-***Daily Malta Chronicle***, fil-ħarġa diġà msemmija, insibu reklamat ir-***Royal Oak Hotel***, li kien eżattament f'Nru. 88, Strada Marina, Senglea, (ix-Xatt).

Ir-reklam jgħarrafna (nittraduċi): *li f'din il-lukanda, "l-ikliet jiġu servuti f'kull ħin. Hemm provvista kbira ta' nbejjed u spirti."*

Ftit ilu bdiet tissemma spiss "L-Għaqda tal-Barklori" spirata minn tliet Sengleani li jixtiequ li d-dgħajsa ma tmutx bħal ma mietu bosta affarijiet oħra meta l-użu tagħhom dawn jintemm. Ħsieb sabiħ ferm tagħhom dawn il-veterani Sengleani, kif kien il-ħsieb tat-*tours* madwar il-Port il-Kbir għas-somma żgħira ta' Lm1.50ċ, fuq dgħajsa.

U veru li somma żgħira: vjaġġ turistiku simili fuq gondla f'Venezja jiswiek Lm40! Inċidentalment, semmejt il-gondla, l-*Oxford English Dictioinary* jiddeskrivi d-dgħajsa bħala *"the first cousin"* (il-prima kuġina) tal-gondla.

U hawn tidħol il-mistoqsija li soltu nagħmlu dwar il-bajda u t-tiġieġa: min ġie l-ewwel, il-bajda jew it-tiġieġa? Il-gondla jew id-dgħajsa? Iżda l-punt tiegħi mhux dan: id-dgħajsa hi sinonima mall-barklor. Ma rridux ninsew lid-dgħajsa iżda lanqas lill-barklor.

Jekk niftakru kemm kien ikun hawn dgħajjes iħufu fil-Port il-Kbir, awtomatikament tkun taf kemm kien hawn barklori jaħdmu fid-dgħajjes, f'xemx, xita, maltemp, silġ, kesħa, sħana, ħruq bix-xemx. Fin-nuqqas ta' servizzi soċjali, pensjoni mal-61, u benefiċċji oħra, il-barklor kien jibqa' jaħdem anke 'l fuq minn 75 sena. U jispiċċa? Jiġbor il-biċċiet tas-sigaretti.

Il-barklor bil-beritta f'rasu sajf u xitwa, għonqu kannizzata bir-rigi fuq għonq b'ġilda ħarxa, b'xi inċirata li jagħmilha hu stess, bix-xarten miżbugħ biż-żejt tal-kittien u żebgħa sewda, jaqdef f'kull temp b'għaxra min-nies li se jħallsu sitt ħabbiet mill-Isla sal-Belt, issa hu figura tal-imgħoddi. Illum anke l-mutur *outboard* jistona fil-poppa tad-dgħajsa!

Ħaqqu monument dan il-bniedem, minqux fl-Istorja tal-Port il-Kbir daqs id-dgħajsa? Jien naħseb li jekk il-Kunsilli Lokali ta' lokalitajiet bħal l-Isla, Bormla, il-Birgu, Marsa eċċ. jagħmlu ras ma' ras, jaslu li x'imkien, f'post prominenti, nagħmlu tifkira lil dak il-bniedem li tabilħaqq bata, lejl u nhar, min jaf kemm raqad fuq l-istess dgħajsa, li l-figura tiegħu għebet, iżda li mhux ta' min iħalliha tintilef!